A.L. 7 ta' l-1981

ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(ATT NRU. XI TA' L-1952)

Ordni ta' l-1981 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrja tal-Manifattura tat-Tabakk biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għall-Industrja tal-Manifattura tat-Tabakk dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1981 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrja tal-Manifattura tat-Tabakk biex jirregola l-Pagi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrja tal-Manifattura tat-Tabakk biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali"

A.L. 97 ta' l-1977

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fid-19 ta' Jannar, 1981.

Jissostitwixxi l-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minflok is-sub-paragrafu (2) tal-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-għassiesa għandhom jitħallsu bir-rata ta' ħin-u-nofs għal ħin ta' xogħol li jinħadem 'il fuq minn sittin siegħa f'ġimgħa ta' sitt ijiem, u bir-rata ta' ħin doppju għal ħin kollu ta' xogħol matul is-seba' jum.".